# L-Innu tal-Istudenti Universitarji : ir-raba' parti

## minn Mro. Manoel Pirotta



Fit-tielet parti ta' dan l-artiklu, li deher fl-aħħar ħarġa tal-*BOOKmark*, kont laqqajtkom mal-poeta Albert Maria Cassola, u anke ġibna tabella li turi l-forma ta' kif inhu mqassam l-Innu tal-Istudenti Universitarji. Ir-raba' u l-aħħar parti ser tkun tikkonsisti fl-analiżi sħiħa tiegħu, imsieħba dejjem minn xi eżempji mużikali, u silta mid-Djarju tal-qassis-poeta Dun Anton Xiberras (1921-2006).

'... *Dal-aħħar kien(et) tagħmel sħana mill-eqqel, u l-btajjel malajr reġgħu qabbduna t-triq għall-baħar. Ta' sikwit kont ninżel il-Magħtab u ngħum hemmhekk f'ramla sabiħa. Anqas ma naqset il-bajja tal-Għadira il-Mellieħa li kienet tarani nieżel kull filgħaxija minn ġnien Ingraw biex nogħdos ġol-ilma.*' (Il-Għaxar ktieb: Lulju 1945 – Jannar 22, 1946: Lulju, p. 1.)

Analiżi: Introduzzjoni (b. $00^4$ - $04^3$) (Fig. 1): Din il-parti possibbilment toffri ħjiel ta' motiv[1], jew aktar, li ser ikun qed jikkaratterizza x-xogħol. Kemm it-temp[2], kif ukoll it-tonalità[3], dlonk juruna l-burdata tax-xogħol li għandna quddiemna. Bħal fil-każ tal-biċċa l-kbira ta' innijiet simili, dan l-Innu, immarkat *Maestoso*[4], jitħabbat f'temp ordinajru[5] ta' erba' semiminimi[6] f'battuta. Bħala tonalità, l-Innu qed fis-Sol Maġġuri minħabba l-Fa#[7] li hemm eżatt wara l-kjavi[8].

Fig. 1




[1]L-iqsar unità melodika/ritmika mużikali li tagħmel sens. Żewġ noti b'ton differenti huma biżżejjed biex tifforma wieħed. Tema jista' jkun fiha wieħed jew aktar minnhom.

[2]Juri kif għandu jitħabbat xogħol mużikali f'dak li hu ġiri. Dan ikun indikat fil-bidu tal-mużika jew ta' kull taqsima fejn meħtieġ, speċjalment meta l-mużika teqleb minn temp għal ieħor. Iżda, il-kelma temp tista' tirreferi wkoll għall-ħeffa li biha l-innu jrid jindaqq li, fil-każ tagħna, huwa mmarkat *Maestoso*. Normalment, dawn it-termini jkunu mniżżlin dejjem bit-Taljan, indipendentament min-nazzjonalità tal-kompożitur. Madankollu, ġieli tarahom imniżżlin b'ilsna oħrajn skont il-pajjiż li minnu jkun ġej il-kompożitur.

[3]Kull biċċa mużika miktuba fi stil tradizzjonali bilfors li trid tkun f'xi tonalità jew oħra għax permezz t'hekk wieħed jista' jkun jaf jekk din tkunx maġġuri jew minuri fis-smigħ tagħha. Fil-każ tal-Innu, il-mużika qegħda bi djesis wieħed. Issa, billi l-ħames nota tat-ton (jew kjavi) ma fihiex aċċident, ifisser li din qiegħda fil-maġġuri, u allura bilfors in Sol Maġġuri. Xi drabi, it-tonalità tingħaraf ukoll bl-aħħar nota li biha tispiċċa biċċa mużika. Fil-każ tagħna, l-aħħar nota fundamentali hija Sol.

[4]Din hija waħda mill-ħafna espressjonijiet mgħottijin lil biċċa mużika li bihom il-kompożitur jesprimi s-sentimenti tiegħu.

[5]Magħruf ukoll bħala temp Komuni jew Binarju.

[6]Huwa l-isem ta' wieħed mis-seba' kwalitajiet ta' għamliet bażiċi li nsibu fil-mużika, u li permezz tagħhom wieħed jikseb il-valur fuq id-dewmien. Is-semimina tiswa kwart. Erba' minnhom jiffurmaw battuta sħiħa ġo temp komuni.

[7]Dan huwa s-sinjal mużikali għad-djesis. Meta jitqiegħed qabel nota jkun ifisser li din trid tindaqq, jew titkanta, nofs ton 'il fuq.

[8]Il-kjavi (bl-Ingliż, *clef*) huwa dak is-sinjal li nsibu fil-bidu ta' kull biċċa mużika u li bih jiġi ffissat l-isem tan-noti. Hemm tliet tipi ta' kjavi: tas-Sol (magħrufa wkoll bħala dik tal-vjolin), tal-Fa, waħda għall-Baritonu u l-oħra għall-Baxx, u tad-Do. F'din tal-aħħar hemm erbgħa: Sopran, Nofs Sopran, Kuntralt, u Tenur. Is-seba' kjavi, jew kif inhuma magħrufin aħhar, is-Settiklavju, huma bil-wisq meħtieġa għat-trasport tal-istrumenti jew vuċijiet. Dan it-terminu jirreferi għall-iskala partikolari li fuqha tinbena biċċa mużika.

L-ewwel sentenza mużikali (b. $04^4$ - $12^3$) = strofa 1 [4] (Fig. 2) hi magħmula minn erba' frażijiet qosra ta' żewġ battuti kull-waħda, li bħall-oħrajn kollha li jiġu warajhom, jibdew *in aria*[9]. Fit-tieni u t-tielet frażi l-mużika timmodula[10] qabel ma terġa' lura lejn il-kjavi li tkun bdiet fiha. Il-melodija hija mexxejja u tal-widna u mibnija fuq intervalli tant komuni li jagħmluha ferm faċli biex wieħed ikanta magħha. Rigward l-użu ta' akkordji, mbagħad, l-andament armoniku huwa wieħed pjuttost tradizzjonali, kif wara kollox jixraq lill-innu popolari bħalma hu dan.

Fig. 2




It-tieni sentenza mużikali (b. $12^4$ – $20^3$) = strofa 2 [5] (Fig. 3) għandha mill-istess tul bħal dik ta' qabilha, imqassma f'erba' frażijiet daqsinsew. Il-kuntrast tagħha mhux qiegħed fid-disinn melodiku u/jew it-tqassim tan-noti imma fil-bidla ta' lewnet l-armonija. Dan għaliex, hi tippreferi l-kjavi minuri, mhux biss għax l-ewwel frażi (b. $12^4$-$14^3$) hija fil-Mi minuri, imma wkoll għax battuti $16^4$ - $20^3$, minħabba l-preżenza taż-żewġ bemolli – Si*b* u Mi*b*, jiġu qegħdin iħaddnu l-kjavi ta' Sol minuri.

Fig. 3




It-tielet sentenza mużikali (b. $20^4$ – $28^3$) = strofa 3 [6] hi l-istess f'kollox bħall-ewwel waħda, ħlief ovvjament, il-kliem li jakkumpanjaha. Dan ifisser li flimkien, dawn it-tliet sentenzi ta' tmien battuti kull waħda jiffurmaw dik li aħna nsejħulha forma ternarja miż-żgħar – a + b + a, b'dik tan-nofs, jiġifieri parti 'b', tikkuntrasta minn mal-oħrajn għax fil-kjavi minuri.

Meta niġu għar-ritornell (speċjalment it-tieni parti tiegħu) ma nistgħux nipproċedu jekk imqar ma nistqarrux li hemm xebh kbir bejn dal-Innu u dak nazzjonali Franċiż, l-innu hekk imsejjaħ *La Marseillaise*, b'mużika ta' Claude Joseph Rouget de Lisle. Qabelxejn, wieħed irid jgħid li, ir-ritornell tal-Innu tal-Istudenti Universitarji wkoll fih żewġ strofi separati u allura jista' jinqasam f'żewġ partijiet bi tmien battuti l-waħda. Kif ser naraw, ir-ritornell jikkuntrasta bil-kbir minn mal-ewwel parti tal-Innu. Jerġa' bejniethom, iż-żewġ sentenzi fir-ritornell, tneħħi l-istess mod ta' kif inhuma strutturati, huma differenti minn xuxlin f'ħafna aspetti. Imma meta tqegħidhom kull waħda wara l-oħra, bla ma trid, joħolqulek dik il-kontinwità assoluta f'dik li hi trama mużikali, u bit-tieni waħda toffri l-qofol tant mixtieq.

Ritornell: l-ewwel parti (b. $28^4$ – $36^3$) (Fig. 4) hi mmarkata *Alla Marcia* u allura għandha tindaqq fit-temp ta' marċ ta' xeħta militari li jimxi pjuttost bil-mod għax iggwidat minn pass meqjus. Fil-fatt insibu li l-ewwel sentenza tinqasam f'żewġ frażijiet, fejn it-tieni waħda (b. $32^4$ - $36^3$) għandha mill-istess segment li bih tiftaħ l-ewwel waħda (b. $28^4$ – $32^3$). Wieħed jinnota hawnhekk li l-mużika tagħmel użu mis-sinkopi[11], kemm fil-melodija kif ukoll fl-akkumpanjament, li bħal donnu jagħtina x'nifhmu li qed jitqanqal xi tip ta' riħ ġdid li miegħu jġib il-bidla, bħal ngħidu aħna, fil-mod ta' politika ġdida fit-tmexxija, saħansitra, xi revoluzzjoni. Dal-element ritmiku turbulenti nsibuh ħafna

[9]Frażi li ma tibdiex fuq l-ewwel taħbita tal-battuta imma, biex ngħidu hekk, fl-arja.

[10]Modulazzjoni sseħħ meta biċċa mużika tmur minn kjavi (jew ton) għal ieħor biex b'hekk tevita milli taqa' f'monotonija. Ħaf-na drabi, il-mużika timmodula lejn kjavijiet ġirien, imma anki f'oħrajn li ma jiġux minn dik li tkun fetħet u għalqet biha.

[11]Jifforma ruħu meta n-nota taħbat b'mod illi nofs il-valur tagħha jaqa' fuq il-parti forti u n-nofs l-ieħor fuq id-debboli. Fl-Innu li qegħdin nitkellmu fuqu, is-sinkopi nsibuh jitħaddem: (a) fil-melodija f'b. 29 - 30, u b'repetizzjoni, f'b. 33 – 34, u (b) fl-akkumpanjament f'b. 29-30 u 32, u jirrepeti ruħu f'b. 33 u 34 peress li ż-żewġ frażijiet għandhom minn xulxin.

fix-xogħlijiet mużikali klassiċi ta' qabel ir-revoluzzjoni Franċiża tal-hekk imsejjaħ moviment tal-Illuminiżmu[12].

Fig. 4




Ritornell: it-tieni parti ($36^4$ – $44^3$ [$45^3$]) ukoll tinqasam f'żewġ frażijiet, li għalkemm indaqs, huma distinti l-waħda mill-oħra. Dan għaliex, f'tal-ewwel (b. $36^4$ – 40) insibu materjal tista' tgħid għalkollox ġdid - anki jekk ħjiel tiegħu nsibuh diġà f'b. $16^4$ – $18^3$ - filwaqt li fit-tieni waħda (b. 41 - $44^3$ [$45^3$]), minbarra l-istess disinn fil-melodija, nerġgħu niltaqgħu wkoll mas-sinkopi li kellna f'b. $28^4$ – $36^3$.




Membri tal-orkestra flimkien ma' Mro. Manoel Pirotta fuq it-tarag tal-Junior College qabel jitilqu għal xi kunċert xitwi

L-ewwel frażi (b. $36^4$ – 40) (Fig. 5) hi waħda rikka f'kull sens mużikali; intiża biex toħloq il-klajmaks tal-Innu. Ibda biex, il-frażi msemmija terġa' tinqasam fi flieli żgħar ta' żewġ battuti l-waħda – *Sostenuto* (b. $36^4$ – $38^3$) u *Deciso* (b. $38^4$ – 40) - b'dawn tal-aħħar immarkati li jridu jindaqqu wkoll bil-qawwi ħafna (***ff*** = *fortissimo*). Dan il-passaġġ, għalkemm tulu żgħir, fih ħafna xi tgħid dwaru. Huwa jieħu xeħta kontrapuntali[13] f'dik li hi ħjata mużikali peress li l-vuċijiet konċernati ma jimxux ritmikament flimkien, u jippruvaw jwieġbu 'l xulxin b'mod antifonali[14]. Mhux biss, imma għandek ukoll l-element ta' moviment kuntrarju, fejn il-melodija ta' fuq tinżel, u dik ta' taħt titla', bin-noti jaqbżu minn waħda għal oħra, u tal-aħħar permezz tan-noti mtarrġin.

F'dik li hi armonija[15] mbagħad, insibu t-tħaddim ta' akkordju[16] pjuttost kromatiku[17] fl-aħħar kwart[18] ta' battuta 37. Dan l-akkordju, magħruf sewwa għal lewnu, jintuża l-aktar meta kompożitur ikun jixtieq jixħet aċċenn fuq xi kelma partikolari, jew jiddrammatizza burdata b'mod aktar ġenerali. Għal dan il-għan dan il-akkordju, ovvjament minħabba n-natura tiegħu, għandu l-ingredjenti kollha

[12]Dak li aħna bl-Ingliż insibuh bħala l-*Enlightenment*. Moviment intelletwali u filosofiku tas-seklu tmintax li fih xi ħassieba u kittieba kbar fosthom, Voltaire u Rousseau fi Franza, kienu jemmnu li r-raġuni u x-xjenza, u mhux ir-reliġjon, kienu jiswew biex ikabbru l-progress taċ-ċiviltà. Il-Malti, Mikiel Anton Vassalli (1746-1829) kien ir-rappreżentant ewlieni ta' din il-kuxjenza Ewropea li bdiet tinxtered f'dawk l-artijiet li kellhom dan il-ħsieb komuni bejniethom. Bħalma ġara dejjem, il-mużika wkoll iddakkret minn dan il-moviment. Bħala eżempju nsibu s-Sinfonija numru 25 in Sol Minuri K. 183 u s-Sinfonija in Sol Minuri numru 40 KV 550, it-tnejn tal-kompożitur klassiku Awstrijakk, Wolfgang Amadeus Mozart (1756-91).
[13]Għaqda ta' żewġ melodiji, jew aktar, b'figuri ta' noti differenti li jagħmlu sens mużikali meta tqegħidhom fuq xulxin.
[14]Antifona fl-istil Gregorjan kienet tikkonsisti f'kant jew reċitattiv fejn il-kantur u l-kongregazzjoni jwieġbu 'l xulxin bin-newba.
[15]Kelma li tfisser għaqda ta' ħafna noti f'daqqa li jiffurmaw diversi akkordi.
[16]Għaqda ta' noti differenti flimkien.
[17]Żieda ta' noti li normalment ma ssibhomx f'mużika ta' xeħta dijatonika. Xogħolhom hu li, jixħtu aktar kulur lil xi melodija, akkordju, jew passaġġ mużikali.
[18]Temp ordinarju fih erba' kwarti magħmulin mis-semimini. Huwa jingħaraf mill ittra C jew 4 li jkun hemm wara l-kjavi.

meħtieġa għal biex jesprimi dan kollu. Għaldaqstant, m'għandux jintuża ta' spiss fl-istess biċċa mużika biex is-saħħa tiegħu ma tintilifx fix-xejn[19].

Fig. 5




Iżda, l-istorja bejn iż-żewġ innijiet ma tiqafx s'hawn; huma jkomplu bl-istess mod meta jiġu biex jagħlqu l -aħħar żewġt ivrus tar-ritornell (Fig. 6). Wieħed jinnota li, hemm xebh wisq kbir, mhux biss fit-tlugħ u l-inżul tal-melodija, imma wkoll fejn jidħol tqassim tan-noti, bħal ngħidu aħna l-ewwel battuta fejn għandek litteralment l-istess valuri fiż-żewġ każijiet. Wieħed jara wkoll xebh kbir bejniethom fit-tielet u r -raba' battuta, fejn it-tnejn jagħlqu b'noti tal-istess valur u/jew ton.

Fig. 6




Koda ($45^4$ – $53^3$) (Fig. 7): Għat-tul tiegħu, l-Innu għandu koda pjuttost twila li tinkludi sentenza mużikali sħiħa ta' tmien battuti. Il-melodija hija l-istess waħda bħal dik tal-ewwel strofa (b. $04^4$ – $12^3$) filwaqt li bħala kliem, Pace jieħu l-aħħar strofa mit-tieni sett ta' tliet strofi. (Fit-tabella hija mmarkata bin-numru [6].) Wieħed ma jistax ma jinnotax ir-ritmu stinat tal-kromi[20] - tant aħjar jekk dawn jindaqqu wkoll bi stakkat ħafif - fl-akkumpanjament li jdur u jagħqad fuqu nnifsu f'forma spirali, filwaqt li jirfes fuq in-noti kollha tal-akkordji trijadiċi[21]. L-akkumpanjament jindaqq mill-vjolinċelli u l-kuntrabaxxi, flimkien mal-bqija tal-istrumenti b'leħinhom baxx. Min-naħa tiegħu, il-kant hu ssapportjat tajjeb mill-vjolini primi fir-reġistru għoli, bis-sekondi ottava taħthom.

Fig. 7




[19]Il-korda tas-sesta awmentata (bl-Ingliż, *Augmented 6th Chord*) tintgħamel minn trijadi li jikkonsisti f'nota li sservi ta' mamma, u bit-terza maġġuri u s-sesta awmentata fuqha. Il-korda tinbena fuq is-sitt grad minuri tal-iskala (ġieli wkoll fuq it-tieni grad minuri). Din is-sesta awmentata, f'dan il-każ hekk imsejħa Ġermaniża, minħabba l-mod kif inhi mibnija, hija għaldaqstant waħda kromatika. Biex inġibu eżempju, jekk l-Innu qiegħed in SOL Maġġuri, l-akkordju jiġi jaqra hekk: MI*b*, SOL, SI*b* u DO#. Dan ifisser li, minn erba' noti, tlieta minnhom huma kromatiċi u għaldaqstant jaqgħu barra mit-tonalità li nkunu qegħdin fiha.

[20]Isem ta' waħda mis-seba' kwalitajiet ta' għamliet li nsibu fil-mużika fejn jidħol il-valur fuq id-dewmien tagħhom. Il-kroma għandha valur ta' nofs kwart.

[21]Trijadi huwa tip t'akkordju (jew korda) magħmul minn tliet noti fuq xulxin. Biex tgħaqqad wieħed irid ikollok nota fil-qiegħ biex fuqha tibni t-terza u l-kwinta.

Tkun ħaġa tajba jekk wieħed inaqqas ftit mit-temp permezz ta' *rallentando* fl-aħħar frażi (b. $51^4$ -$53^3$) meta jiġi biex jagħlaq id-daqq tal-Innu. Hemm min ukoll, ipoġġi kuruna[23] fuq l-aħħar nota biex din titwal fil-valur aktar milli jmissha u b'hekk tagħti aktar sens ta' għeluq.

Konklużjoni: Permezz ta' dan l-istudju mużikali, fi sfond ukoll ta' ftit tal-istorja u noti bijografiċi tal-awturi li sawru l-Innu tal-Istudenti Universitarji, imtela vojt li kien ilu jinħass għal bosta snin. Jekk xejn, il-qarrej għandu jkun kburi li, bħal kull tista' tgħid għaqda, soċjetà, każin, xirka, partit, jew kwalunkwe entità oħra, l-Università ta' Malta u l-*Junior College* wkoll għandhom l-innu uffiċjali tagħhom.

[23]Ġieli tissejjaħ ukoll, pawsa, u tikkonsisti f'sinjal nofs tond mimdud b'tikka f'nofsu li jitqiegħed fuq in-nota (jew aspett) u jservi biex biha żżomm il-valur tagħha kemm jidhirlek.